27 ta' Novembru, 1953

*Imhallfin* :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt. LL.D.

**Antonio Borg** *versus* **Maria Borg**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Depożitu — Nullità — Appell — Art. 30 tal-Kap. 109.**

*Il-fatt li mar-rikors li jiġi preżentat quddiem il-Board tal-Kera jiġi mħallas dritt tar-reġistru aktar minn nofs xahar kera ma għandux raġjonevolment jimporta nullità tar-rikors, imma għandu biss ikollu l-effett li dak l-eċċess qatt ma għandu jsofrieh l-intimat, anki jekk jibqa' sokkombent fil-meritu.*

*Meta l-Qorti ta' l-Appell tikkonferma l-interpretazzjoni tal-punt ta' dritt li jkun ġie maqtugħ bis-sentenza tal-Board tal-Kera, ma hemmx lok li jiġu eżaminati kwistjonijiet ta' fatt; u fuq apprezzament ta' fatti s-sentenza tal-Board hija insindakabili.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' Antonio Borg quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jieħu taħt idejh il-post nru. 26 St. Helena Street, Birkirkara, mikri lill-intimata Maria Borg, għax iridu biex imur joqgħod fih hu stess, waqt li offra bħala "alternative accomodation" il-post fejn joqgħod hu, proprjetà tiegħu wkoll, nru. 4 Carla Lane, Birkirkara;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fis-17 ta' Awissu 1953, li biha, wara li ċaħad l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors, laqa' t-talba, basta jibqa' "available" il-fond nru. 4 Carla Lane, Birkirkara, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimata 40 ġurnata żmien; u ordna li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kompriża anki dik li hemm eċċess fid-dritt tar-Reġistru mħallas, jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Illi huwa veru li l-liġi, fl-art. 30 tal-Kap. 109, tgħid li ma' kull rikors irid jiġi mħallas dritt tar-Reġistru ekwivalenti għal nofs xahar kera; imma l-fatt li r-rikorrent bi żball ħallas dritt ta' Reġistru akbar minn nofs xahar kera ma għandux raġjonevolment jimporta n-nullità tar-rikors, imma għandu biss ikollu l-effett li dak l-eċċess qatt ma għandu jiġi jsofrieħ l-intimat, anki jekk jibqa' sokkombenti fil-meritu;

Fil-meritu, illi r-rikorrent il-lum, b'familja ta' għaxra minn nies.........;

Li fi kwalunkwe każ, il-"hardship" tar-rikorrent kien ikun akbar kieku kellha tiġi miċħuda t-talba, milli jkun għall-intimata jekk tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-imsemmija Maria Borg, li talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tagħha u tiddikjara null il-proċediment quddiem il-Board; u subodinatament, fil-meritu, billi tiċħad id-domanda miġjuba minn Antonio Borg bir-rikors; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-appellanti quddiem il-Board, il-konklużjoni ta' l-istess Board hija ġjusta, u għalhekk qegħedha tiġi adottata bil-motivi għaliha premessi;

Ikkunsidrat;

Illi l-punt ta' dritt maqtugħ bis-sentenza appellata kien biss dak relativ għall-eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija, u, kif sostniet din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1952 in re "White vs. Fenech", meta fuq appell minn punt ta' dritt din il-Qorti tikkonferma l-interpretazzjoni li jkun ta l-Board, ma jkunx hemm lok li jiġu eżaminati kwistjonijiet ta' fatt; għaliex, skond l-art. 25 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 (Kap. 109),

mid-deċiżjonijiet tal-Board ma hemmx appell ħlief fuq punt ta' dritt maqtugħ mill-Board, u fuq apprezzament ta' fatti d-deċiżjoni tal-Board hija insindakabili. Fil-każ in eżami din il-Qorti qablet mal-Board dwar l-interpretazzjoni tal-punt ta' liġi minnu maqtugħ, u għalhekk ma hemmx lok għall-eżami tal-kwistjonijiet ta' fatt *prospettati mill-appellanti*;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti Maria Borg; b'dana li t-terminu ta' 40 ġurnata prefiss b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mil-lum.